**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 14 ta' Frar 2018**

Numru 2

**Rikors Nru. 90/2016**

**Brian Vella**

**Vs**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tal-4 ta' Ottubru 2016 li jghid hekk:

1. Illi fil-31 ta' Ottubru 2004, il-Pulizija kienu arrestaw lill-esponenti fuq suspett ta' involvement tieghu f'reati assocjati mal-qsim tad-droga. Fl-istess jum li kien arrestat, l-esponenti rrilaxxa stqarrija lill-Pulizija;

2. Illi l-esponent wiegeb domandi li sarulu mill-Pulizija u ta risposti altament inkriminanti minghajr ma gie mwissi li kull risposta li kien ser jaghti setghet tintuza kontrih u lanqas kellu d-dritt tal-assistenza legali ghaliex il-ligi kienet tipprekludi dan;

3. Illi sussegwentement, l-esponenti tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bl-ewwel seduta li attenda l-esponenti kienet dik ta' nhar il-15 ta' Settembru 2008;

4. Illi fil-proceduri kriminali l-unici provi li tressqu mill-prosekuzzjoni kienu r-rapport tal-espert tekniku, ix-xhieda tal-Pulizija li arrestaw lill-esponenti u propju l-istqarrija inkriminanti li hu rrilaxxa lill-istess Pulizija meta huwa la kien inghata t-twissija u lanqas kellu l-jedd jitlob ghall-assistenza legali;

5. Illi hu ben car li meta huwa kien interrogat mill-Pulizija u rrilaxxa dawk l-istqarrijiet inkriminanti dak sar fil-qafas tal-investigazzjoni, anke jekk kien stadju inizjali;

6. Illi mal-gheluq tal-provi tal-prosekuzzjoni, l-esponenti kien rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn effettivament ma setghax jattakka l-validita tal-istqarrija tieghu. Fil-perjodu in kwistjoni, il-Qrati Maltin kemm kostituzzjonali kif ukoll dawk ordinarji, kienu addottaw

posizzjoni fejn l-validita ta' stqarrija tiddependi fuq it-test tal-vulnerabbilta fil-mument meta tinghata l-istqarrija;

7. Illi kien propju minhabba dawn ic-cirkostanzi li fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2Q14, l-esponenti ammetta ghall-akkuzi dedotti kontrih;

8. Illi sussegwentement inghatat sentenza fl-20 ta' Frar 2015 fejn l-esponent kien ikkundannat seba' (7) xhur prigunerija effettiva u ghall-piena ta' multa ta' sitt mitt ewro (€600) filwaqt li poggiet lill-esponenti taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mid-data tas-sentenza;

9. llli l-esponenti intavola appell minn din is-sentenza [Appell Kriminali Nru. 114/15] u prezentement tinsab quddiem l-Onor. Imhallef A. Mizzi;

10. llli in vista tal-insenjament kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, specjalment fil-kazijiet Salduz v Turkija u Borg v Malta (2016), l-applikant sofra u qed isofri lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu taht l-artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem meta stqarrija inkriminanti li huwa rrilaxxa waqt l-investigazzjoni ta' reat kriminali intuzat kontrih minghajr ma hu seta' jitlob assistenza legali ghax il-ligi kienet tipprojbih;

11. Difatti fil-kaz ta' Borg v Malta li gie deciz f'Jannar 2016 (App. Nru. 37537/13), l-istess Qorti Ewropea rriteniet illi d-dritt tal-assistenza legali ghandha tkun ir-regola generali u tali dritt ghandu jinghata mill-istadju inizjali tal-investigazzjoni salv f'cirkostanzi eccezzjonali. Kompliet ittenni li d-dritt tad-difiza jkun ippregudikat meta persuna taht investigazzjoni taghti stqarrija fejn tinkrimina lilha nnifisha minghajr ma tkun inghatat id-dritt illi tikkonsulta ma' avukat tal-fiducja taghha. Inoltre, l-istess Qorti rriteniet illi c-cahda sistematika ta' dan id-dritt huwa leziv tal-artikolu 6 u cioe dak ghal smigh xieraq;

12. Illi fl-opinjoni separata tieghu, l-Imhallef Pinto De Albuquerque mill-istess Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza ta' Borg v Malta (2016) qal illi s-sentenza tal-Qorti Ewropea ta' Salduz kienet tammonta ghal "constitutional instrument of European public order" u li ghandha "peremptory character";

13. L-istess Imhallef stqarr fi kliem car li Salduz kienet "a principle of law" u li l-Qorti Ewropea ghamlitha "crystal-clear ... towards reinforcing the right to legal assistance for defendants from the very beginning of the investigation and particularly when in police custody or during police questioning";

14. Illi l-esponent jaghmel ukoll referenza ghal-para. 56 tas-sentenza ta' Borg v Malta (2016) biex itenni ghala qed jilmenta, inter alia, minn ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea:
"Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v Turkey [GC]s no. 36391/02, § 54, ECHR 2008)";

15. Illi abbazi tal-istqarrija mehuda illegalment mill-esponenti l-posizzjoni tieghu fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontrih giet ippregudikata b'tali mod li l-uniku rimedju li jista' jkollu huwa b'intervent kostituzzjonali;

16. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-istqarrija li ttiehdet mill-Pulizija tar-rikorrent fil-31 ta' Ottubru 2004 u sussegwentement esebiti fil-proceduri kriminali kontrih, ittiehdet u giet esebita bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif imharsa fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u taI-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Tiddikjara li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Frar 2015 hija illegali u nulla stante l-ammissjoni tar-rikorrent kienet rizultat unikament minhabba l-istqarrija mehuda bi ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent hekk kif protett mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u taI-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

3. Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet tal-esponent hekk kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem billi takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi inkluz li tordna t-thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-20 ta' Frar 2015, u li tqieghed lir-rikorrent fil-posizzjoni tieghu qabel ma ttiehdu l-istqarrijiet bi ksur tad-drittijiet tieghu, u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni;

4. Tillikwida kumpens xieraq u adegwat ghad-danni, inkluz dak morali, li sofra l-esponent;

5. Tordna lill-intimat jhallas lir-rikorrent il-kumpens hekk likwidat;

BI-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li tghid hekk:

(I) Illi permezz tar-Rikors odjern ir-rikorrenti qed tallega ksur tad-drittijiet fundamentali taghha ai termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni a bazi ta' lanjanzi li meta irrilaxxa l-istqarrija lil Pulizija ma kellux assistenza legali peress li l-ligi dak iz-zmien ma kinitx tipprovdi ghad-dritt tal-assistenza legali lill-arrestat;

(II) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu l-esponent jirrespingi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent kollha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li c-cirkostanzi tal-kaz ma jirraprezentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-

artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

(i) Illi fl-ewwel lok, il-fatt li persuna ma kinitx assistita mmn avukat waqt l-interrogazzjoni, ma jwassalx awtomatikament ghal ksur tad-dritt ta' smigh xieraq kif donnu qed tippretendi r-rikorrenti. L-esponenti jirribattu li kull kaz ghandu jigi ezaminat skont ic-cirkostanzi partikolari tieghu u l-imsemmi dritt irid jigi evalwat fir-rigward tat-totalita tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta' mument specifiku kif qed jipprova jaghmel ir-rikorrent odjern;

(ii) Illi effettivament fil-kaz odjern, bl-ebda mod ma jirrizulta li r-rikorrent kienet imgieghel jaghti l-istqarrija li ta. Fil-fatt, ir-rikorrenti inghata t-twissija skont il-ligi senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq izda li dak li kien ser ighid seta' jingieb bhala prova kontrih u ghalhekk ir-rikorrent irrilaxxa l-istess stqarrija volontarjament u anke iffirmat li l-kontenut taghha kien korrett;

(iii) Illi l-esponent jirrileva li fl-ebda waqt tal-proceduri quddiem il-Qorti koncernata ma saret talba apposita da parte tar-rikorrent sabiex tattakka l-validita jew il-volontarjeta tal-istqarrija; liema Qorti ta' Gurisdizzjoni penali ghandha l-kompetenza sabiex tevalwa l-validita u l-ammissibilita tal-provi kollha kif migjuba quddiemha ai fini tal-proceduri kriminali;

(iv) Illi wiehed mill-principji li ormai gie stabbilit fil-kazijiet Kostituzzjonali, kif bazati anke fuq l-insenjament tal-kazistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom Salduz v Turkey [Ref 36391/2002], certament hu li ebda Qorti, f'ebda hin ma stabbiliet bhala principju universali li n-nuqqas ta' assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament iggib maghha lezjoni tad-drittijiet tal-akkuzat rikorrenti kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem; apparti l-fatt li c-cirkcstanzi odjerni huma ferm diversi mill-fattispecie tal-kaz ta' Salduz. Inoltre, in sostenn tal-posizzjoni taghhom l-esponent jaghmel referenza ghal-kazijiet fl-ismijiet: Charles Steven Muscat v Avukat Generali (Ref App Civ 75/2010 QK [08.10.2012])); John Attard v Prim Ministru et (Ref App Civ 46/2011 QK [31.05.2013]); Ir-Repubblika ta' Malta v Alfred Camilleri (Ref App Civ 32/2011 QK [31.10.2014]); Ir-Repubblika ta' Malta v Martin Dimech (Ref App Civ 43/2011 QK [26.04.2013]) u fl-Pulizija v Norman Lowell (Ref PA Kost. 6/2012 [02.10.2012]);

(v) Illi l-esponent jirribatti li l-lanjanza tar-rikorrent li matul l-investigazzjoni tal-Pulizija ma setghetx ikollha rapprezentanza legali hija ukoll insostenibbli, peress li l-ebda imputat ma kellu dan id-dritt fil-perijodu relattiv u ghalhekk anke f'dan ir-rigward ma gewx lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ai termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea; apparti l-fatt li mhux minnu li r-rikorrent ma inghatax it-twissija skont il-ligi qabel ma irrilaxxa l-istess twissija;

(vi) Illi fir-rigward tat-talba sabiex din l-Onorabbli Qorti takkorda rimedji effettivi, inkluz t-thassir tas-sentenza kriminali fil-konfront tar-rikorrent, dato ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li fic-cirkostanzi odjerni kien hemm ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti, haga li l-esponent qed jikkontesta, l-esponent jirrileva li fic-cirkostanzi odjerni dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun sufficjenti. Inoltre, l-esponent jirrileva li l-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fil-kompetenza Kostituzzjonali taghha tirrigwarda l-kompatibilita tac-cirkostanzi li fihom saret l-istqarrija u kif tmexxa l-process gudizzjarju mal-Konvenzjoni Ewropeja u mal-Kostituzzjoni ta' Malta, mentri fl-umli fehma tal-esponent, il-kwistjoni tar-rimedju ghandha tkun konsidrata mill-Qorti ta' Gurisdizzjoni penali li ghandha l-Gurisdizzjoni sabiex tevalwa l-validita u l-ammissibilita tal-provi kollha kif migjuba quddiemha ai fini tal-proceduri kriminali;

(vii) Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz;

GhaIdaqstant, ghar-ragunijiet fuq esposti, l-esponent jirrileva li c-cirkostanzi odjerni ma jirraprezentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ai termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ghalhekk l-esponent jitlob bir-rispett IiI din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-Rikors Promotur; bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Ir-rikorrent xehed li meta gie arrestat fil-31 ta' Ottubru 2004 hu kien dipendenti fuq id-droga, partikolarment eroina u kokaina u kien ilu hekk dipendenti minn tlieta sa erbgha snin qabel. Din ma kinitx l-ewwel darba li kien gie arrestat. Qabel ma ta l-istqarrija huwa ma kienx kellem avukat. Meta gie arrestat huwa kien sejjer jiehu d-droga. Hu kien stqarr mal-ufficjal investigatur li ma kellux bzonn tabib u kien wiegeb ghal mistoqsijiet biex l-Pulizija jehilsuh mill-arrest. Meta gie rilaxxjat mar jiehu d-droga. Xi tlett snin wara tressaq il-Qorti b'diversi akkuzi bazati fuq l-istqarrija li kien tah. Kienu xehdu l-Pulizija involuti fil-kaz, giet ipprezentata l-istqarrija u certu xhud Dominic Ceci miet waqt li kien qed jinstema l-kaz tieghu. Waqt li kien ghaddej dana l-kaz huwa kellu proceduri kriminali ohra kontra tieghu. Kien tqabbadlu avukat tal-Ghajnuna Legali u meta dehru l-Qorti fl-1 ta' Lulju 2014, I-avukat tieghu qallu li jkun ahjar jekk jammetti kollox halli l-piena tkun mill-inqas. Hu ma kienx qabel ma dana imma billi dik kienet l-unika triq li kellu, kontra qalbu, ammetta biex jiffranka fil-piena u jkun jista jmur lura ghax-xoghol.

Supretendent Dennis Theuma xehed li kellhom informazzjoni li Brian Vella kien qed jittraffika d-droga mill-lokalita ta' Haz-Zabbar. Marru fuq il-post u sabuh go karozza ma' tliet zghazagh ohra u deher ighaddi xi haga lil terza persuna. Twaqqfet dina t-terza persuna u nstabu zewg qratas, allegatament tal-kokaina. Saret search fil-karozza taht is-seat li kien bilqeghda fih Vella u nstabu xi qratas ohrajn u mizien elettroniku bi tracci ta' trab abjad fuqu. Dawn il-persuni ttiehdu d-Depot tal-Pulizija u dakinhar stess Vella rrilaxxja stqarrija. Qabel ma rrilaxxa dina l-istqarrija gie infurmat

bid-drittijiet li kienu vigenti dak iz-zmien. Stqasuh jekk kellu bzonn tabib u qalilhom li ma kellux bzonn. Vella kien ammetta li kien ittraffika d-droga u gie irrilaxxjah b'police bail billi kienu qed jinvestigaw persuni ohrajn ukoll. Waqt il-proceduri kriminali quddiem il-Qorti Vella kien assistit minn avukat privat imbaghad minn Avukat tal-Ghajnuna Legali. Tul il-proceduri kriminali Vella ma kienx oggezzjona ghal prezentata tal-istqarrija.

**Konsiderazzjonijiet ta' dritt**

Ir-rikorrent qed jallega ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fil-konfront tieghu dwar nuqqas ta' assistenza legali.

Il-gurisprudenza tal-Qrati taghna dwar is-suggett ghall-assistenza legali turi illi l-Qorti Kostituzzjonali rregistrat zvilupp fil-mod kif gie interpretat dak deciz mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Salduz v Turkey** li fuqu qed jistrieh ir-rikorrent.

Filwaqt illi kien hemm zmien fejn il-Qorti Kostituzzjonali kienet tinterpreta l-linja li hadet il-Qorti Ewropea dwar is-suggett billi ssib ksur tad-dritt ghal smigh xieraq ghar-raguni biss li persuna tkun giet imcahhda mid-dritt ghall-assistenza legali, l-Qorti Kostituzzjonali kienet zviluppat l-interpretazzjoni taghha billi kienet issib li sehhet lezjoni biss f'kaz li r-rikorrent jigi meqjus mill-Qorti bhala persuna vulnerabbli fiz-zmien illi huwa jkun gie interrogat mill-Pulizija minghajr ma seta' jirrikorri ghall-assistenza legali [**Pulizija vs Charles Steven Muscat]**.

In segwitu giet deciza s-sentenza ta' **Mario Borg vs Malta** [ECHR Applikazzjoni Nru: 37537/13, 12/01/2016] u l-Qorti Kostituzzjonali accettat l-insenjament tal-Qorti ta' Strasburgu fil-gurisprudenza taghha u llum il-gurnata huwa stabbilit illi huwa bizzejjed li l-ligi ma kienitx tippermetti li l-akkuzat jew is-suspettat ikollu assistenza legali meta jkun qieghed jigi interrogat mill-Pulizija jew qabel jirrrilaxxa l-istqarrija tieghu sabiex jinsab illi sehhet lezjoni. Ghalhekk kull stqarrija li ssir minghajr assistenza legali – salv f'kazijiet verament eccezzjonali – hi lesiva tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni. Din l-linja legali giet segwita fil-kazijiet **Malcolm Said vs Avukat**

**Generali** [24/06/2016], u **Trevor Bonnici vs Avukat Generali** [18/07/2017] u **Raymond Bonnici vs Avukat Generali** [27/10/2017].

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f'dan il-kaz r-rikorrent qed jitlob li dina l-Qorti tiddikjara li l-istqarrija li ttiehdet mill-Pulizija fil-31 ta' Ottubru 2004 ittiehdet u giet ezebita fil-proceeduri kriminali kontra tieghu bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu kif imharsa fl-Artikoli fuq imsemmija.

Illi jirrizulta bhala fatt l-istqarrija ttiehdet mill-Pulizija fil-31 ta' Ottubru 2004 meta fil-ligi kriminali taghna ma kienx ghad hemm id-dritt tal-assistenza legali qabel jew waqt l-interrogatorju. Jirrizulta li r-rikorrent kien nghata s-solita caution skond id-drittijiet li kienu vigenti dak iz-zmien u anke intalab jekk kellux bzonn tabib qabel jirrilaxxja l-istqarrija imma huwa kien wiegeb li ma kellux bzonn.

Jigi ribadit dak li ddecidiet il-Qorti Europea fil-kaz **Borg vs Malta** li:

> The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).
>
> Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).

Fil-kaz in ezami fil-mument li r-rikorrent gie interrogat u rrilaxxja l-istqarrija mal-ufficjal koncernat kienet tipprevali fil-Ligi Maltija"a systematic restriction of access to a lawyer pursuant to the relevant legal provisions" [**Boz vs Turkey**, 09/02/2010, u **Dayanan vs Turkey**, 13/10/2009].

Ghalhekk formalment ghandha tirrizulta lezjoni taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi fil-ligi Maltija dak iz-zmien ma kienx hemm id-dritt tal-assistenza legali.

Kwantu ghal allegat ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-ksur tad-drittijiet tar-rikorrent isehh mhux bil-fatt li tkun ittiehdet l-istqarrija meta huwa kien ghadu mhux “akkuzat” izda bil-fatt li jsir uzu minn dik l-istqarrija waqt il-process kriminali, meta allura l-attur ikun “akkuzat”. Illi f’dana l-kaz pero, kif ser naraw, ma sarx uzu mill-istqarrija billi r-rikorrent ammetta l-akkuzi ghalhekk ma hemm ebda ksur tal-artikolu 39.

Illi l-intimat jissottometti li anke jekk kellha tirrizulta lezjoni, il-fatt wahdu li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni, ma jwassalx awtomatikament ghal ksur tad-dritt ta' smigh xieraq (id-dritt li proprjament hu protett mill-Konvenzjoni). Kull kaz ghandu jigi ezaminat skont ic-cirkostanzi partikolari tieghu u l-imsemmi dritt irid jigi evalwat fir-rigward tat-totalita tal-proceduri kollha (f’dan il-kaz r-rikorrent ghandu appell kriminali pendenti u jista’ anke jigi liberat) u mhux fir-rigward ta' mument specifiku kif qed jipprova jaghmel ir-rikorrent odjern.

Fil-kaz in ezami jirrzultaw is-segwenti fatti rilevanti:
Ir-rikorrent kien irrilaxxja l-istqarrija tieghu fil-31 ta’ Ottubru 2004.
Fil-1 ta’ Lulju 2014 kien ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu u fil-20 ta’ Frar 2015 inghatat s-sentenza.
Fil-proceduri kriminali r-rikorrent kien dejjem assistit minn avukat, kemm dak ta’ fiducja kif ukoll dak tal-Ghajnuna Legali u ma oggezzjonax ghal prezentata tal-istqarrija fl-atti tal-kawza.
Ir-rikorrent ammetta inkondizzjonatament l-akkuzi dedotti kontra tieghu.
Ir-rikorrent appella mis-sentenza quddiem il-Qorti kriminali fejn talab biss ir-riforma tas-sentenza fis-sens li tikkonferma d-dikjarazzjoni tal-htija u tvarja l-piena ghal wahda aktar ekwa u gusta.
Fil-18 ta’ Mejju 2016 ir-rikorrent talab li jipprezenta r-rikors kostituzzjonali (u mhux talab referenza) li gie pprezentat fil- 4 ta’ Ottubru 2016.
L-appell kriminali ghadu pendenti jistenna l-ezitu ta’ dawn il-proceduri.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-lezjoni li l-Qorti qed issib illum ma tibqax rilevanti stante li r-rikorrent ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu u huwa gie misjub hati mhux fuq l-istqarrija imma fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

L-istqarrija tar-rikorrent ghalhekk kienet ghal kollox superfluwa ghas-sejbien tal-htija tieghu, ghax huwa nstab hati wara li quddiem il-qorti, fil-prezenza tal-avukat tieghu u wara li kellu okkazjoni ampja biex jiehu parir u jahsibha sew huwa ammetta l-akkuzi. Li kieku r-rikorrent hass genwinament li kien pregudikat bl-istqarrija li kien ta lill-Pulizija ma kienx sejjer, wara li ha l-parir tal-avukat, u wara li gie mwissi formalment mill-Qorti, ma jressaq ebda lment dwarha anzi jammetti l-htija. Dan il-pregudizzju r-rikorrent la ressqu quddiem l-ewwel Qorti u lanqas quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali liema proceduri ghadhom pendenti. Li kieku r-rikorrent verament hass li garrab xi ingustizzja minhabba dik l-istqarrija ma kienx se jibqa' sieket ghal dan iz-zmien kollu, tnax il-sena. Jidher li hu fetah dina l-kawza, mhux ghax hass li tassew garrab xi pregudizzju ingust izda ghax issa wara dan iz-zmien kollu haseb illi jista,' b'abbuz tal-process gudizzjarju, jiddobba xi vantagg.

L-ammissjoni tar-rikorrent giet registrata mill-Magistrat u kienet b'riferenza ghal din l-ammissjoni, u mhux ghall-istqarrija tieghu, li l-Qorti kkundannatu. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tnizzel hekk:

> Il-Qorti
> Rat ukoll illi fl-istess seduta tal-1 ta' Lulju 2014, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha.

Il-Qorti tal-Magistrati kienet hadet din l-ammissjoni in konsiderazzjoni meta giet biex tikkalibra l-piena. Fil-fatt kien biss meta l-Qorti giet biex tikkalkola il-piena li hija ghamlet referenza zghira ghall-istqarrija (paragrafu wiehed) u dana mhux ai fini tal-htija imma biex tghid li r-rikorrent kien ikkopera mal-Pulizija u ghalhekk kienet ser tiehu dak il-fattur biex timmitiga l-piena. Fil-fatt il-Qorti ssemmi fis-sentenza taghha li "il-partijiet issuggerew illi l-imputat ghandu jinghata piena fil-minimu."

Ghalhekk fil-kaz odjern ma jistax jinghad li l-istqarrija kellha xi impatt fuq id-decizjoni tal-Qorti in kwantu ghal htija. Il-Qorti ma dahiltx fil-mertu imma ddecidiet biss abbazi tal-ammissjoni in faciem curiae.

Illi l-ammissjoni saret mir-rikorrent meta huwa kien assistit minn avukat u ha parir minghandu. L-ammissjoni saret mir-rikorrent u mhux mill-avukat. Ir-rikorrent ma semma xejn la mal-avukat u lanqas mal-Magistrat illi huwa kien gie pregudikat mill-istqarrija li huwa ta minghajr assistenza legali. Ma jissema xejn. Minn dak inhar li tressaq b'arrest il-Qorti r-rikorrent kien dejjem mghejjun minn avukat tal-ghazla tieghu u wara anke b'wiehed tal-Ghajnuna Legali, u dawn qatt ma semmew xejn dwar stqarrija.

Ir-rikorrent stess xehed li huwa ammetta ghax ried jiffranka mill-piena u ried jmur lura ghax-xoghol u ma jsemmi xejn dwar l-istqarrija li ttiehdet meta huwa ma kienx assistit minn avukat. Hu ma kienx gdid ghal-Qorti [ara Fedina Penali a fol. 35-40]. Anke fir-rikors tal-appell minn dik is-sentenza r-rikorrent lanqas ma jilmenta fuq xi pregudizzju li sofra minhabba dina l-istqarrija tant li fl-appell huwa talab biss ghar-riforma tas-sentenza billi tigi konfermata d-dikjarazzjoni tal-htija u tvarja l-piena ghal wahda aktar gusta. Ma jissemma imkien l-ilment li l-istqarrija ittiehdet minghajr ma huwa kien asssistit legalment jew li l-istqarrija ma saritx volontarjament.

Jigi rilevat ukoll li kien biss wara 12 il-sena li r-rikorrent qajjem dina l-kwistjoni. Din il-kwistjoni tqajment sitt snin wara d-decizjoni tal-Kaz Salduz [deciza fil-27/11/2008]. Meta r-rikorrent ammetta quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-1 ta' Lulju 2014 kienet diga' nghatat din is-sentenza mill-Qorti ta' Strasbourg, u l-implikazzjonijiet taghha kienu diga' maghrufa fl-ambjent gudizzjarju f'Malta (ara sentenzi **Lombardi, Pullicino u Muscat**, 2011-2012) u ghalhekk ma setghux ma kinux maghrufa wkoll mill-avukat difensur tieghu dak iz-zmien li kien qed jitmexxa ll-kaz kontra r-rikorrent u meta ammetta.

Kwantu ghar-referenza li saret ghas-sentenza Bartolo vs Avukat Generali deciza fit-23 ta' Novembru 2017, dina l-kawza giet appellata u ghadha pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. In oltre l-fatti f'dak il-kaz mhumiex l-istess bhal dan il-kaz. Fil-kaz ta' Bartolo dan kien qed ibati minn kondizzjoni medika serja u terminali meta ittiehdet l-istqarrija. F'dan il-kaz ir-rikorrent kien f'qaghda ta' sahha tajba, u kien imghaggel biex jehles mill-aktar fis possibbli biex imur jiehu d-droga.

**Rimedju**

Illi f'dan il-kaz il-Qorti qed issib biss li kien hemm lezjoni formali tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghar-raguni li fiz-zmien in kwistjoni l-Ligi ma kienitx tipprovdi in generali ghall assistenza legali. Fl-istess waqt il-Qorti qed tiddeciedi wkoll li dan in-nuqqas ma ppregudikax lir-rikorrent ingustament ghax huwa kien ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu meta kien assistit minn avukat u wara li gie mwissi mill-Qorti u instab hati fuq din l-ammissjoni u mhux minhabba xi irregolarita fil-proceduri.

In materja ta' rimedji minhabba dina l-lezjoni ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Victor Gatt et vs Avukat General et**, deciza fil-5 ta' Lulju 2011, fejn inghad:

> Dwar just satisfaction, ir-regola hija li meta l-Qorti ssib li hemm vjolazzjoni, sa fejn hu possibbli, l-istat ghandu jipprovdi ghal restitutio in integrum. Meta dan ma jkunx possibbli jew inkella jkun biss parzjalment possibili l-Qorti ghandha taghti just satisfaction. Id-decizjoni li d-dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni wahedha tkun bizzejjed hija l-eccezzjoni u ghandha tkun riservata ghal kazijiet fejn hemm rimedju jew konsegwenzi huma zghar. Fil-kazijiet l-ohra fejn il-lezjoni hija aktar serja l-Qorti ghandha taghti kumpens pekunjarju ghal dik il-vjolazzjoni [ara ukoll **J.Camilleri vs Avukat Generali**, Kost 28/09/2012].

In vista tal-fatt li f'dan il-kaz kien hemm ammissjoni inkondizzjonata tar-rikorrent/akkuzat u ebda kontestazzjoni precedenti ghal kaz in ezami, u li l-lezjoni taht l-artikolu 6 hija biss wahda formali u ta' ebda konsegwenza ta' hsara fuq il-process kriminali, id-dikjarazzjoni tal-istess lezjoni hi rimedju sufficjenti.

Ghal kompletezza l-Qorti tiddikjara li l-istqarrija ghandha tibqa' fl-atti tal-proceduri kriminali stante li l-htija nstabet minhabba l-ammissjoni u mhux ghax il-Qorti ibbazat il-gudizzju taghha fuq dik l-istqarrija.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi, in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, issib ksur biss tal-art. 6(1) moqri flimkien mal-art. 6(3)(C) tal-Konvenzjoni fis-sens illi l-ksur sehh ghax ir-rikorrenti ma kellux il-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel ma ttehditlu stqarrija mill-Pulizija u dina d-dikjarazzjoni hija rimedju sufficjenti ghall-ilment tar-rikorrent; tichad it-talbiet l-ohra kollha.

L-ispejjez jinqasmu kwantu ghal wiehed minn hamsa ghall-intimat Avukat Generali u erbgha minn hamsa ghar-rikorrent

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur